# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Nru. 4 IL-ĠIMGHA, L-1 TA' JANNAR, 1943. Nru. 4

# KELMTEJN MILL-EDITUR

F'LAQGHA tal-*Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa* li saret nhar il-Kunċizzjoni, il-Kunsill Ġenerali tal-Għaqda, li fih kienu rappreżentati l-Kumitati tar-rħula ta' Malta, qata' li jqiegħed quddiem il-Gvern xi punti ta' ħtieġa li bosta minnhom, għandna l-pjaċir ngħidu, il-Gvern qata' li jimxi max-xewqat li wriet il-Għaqda. Dawn il-punti, li aħna hawnhekk sejrin insemmu, juru illi moħħ il-bidwi beda jitħawwad wara r-rebħiet li l-Alleati tagħna għamlu fl-Affrika ta' Fuq u wara naturalment il-wasliet tal-"convoys" bil-provvisti ta' l-ikel.

Dan li qed ngħidu tabilħaqq jidher mill-ewwel pont li talbu l-bdiewa fil-laqgħa li semmejna hawn fuq, jiġifieri fejn il-bdiewa talbu li bħalma l-Gvern jikkontrolla l-prezzijiet fil-għoli tagħhom, hekk ukoll huwa għandu jikkontrolla l-prezzijiet fir-roħs tagħhom. Dan ifisser illi mhux biss għandu jkun hemm prezzijiet *massimi* (l-ogħla prezzijiet), imma wkoll prezzijiet *minimi* (l-inqas prezzijiet). Kieku l-Gvern ma jsibx diffikultà li jagħmel dan, dan ikun allura kontra l-istess bidwi, il-għaliex meta l-Gvern jagħmel l-ogħla u l-orħos prezzijiet hu jkollu jixtri bl-orħos. Jiġifieri li dak il-ħaxix li l-Gvern jixtri għall-"Kċejjen tar-Rebħa", għall-Militar, għall-Istituti u ħwejjeġ oħra jkollu jħallas tagħhom l-orħos prezzijiet, u naturalment, ladarba l-Gvern jixtri bl-orħos prezzijiet, is-suq jaqa' malajr u x-xerrejja kollha jibdew jixtru b'dak il-prezz!

Jidhrilna hawnhekk li għandna niġbdu l-attenzjoni tal-bdiewa għall-ħaġa li tista' tkun ta' dannu għalihom għaż-żmien li ġej. Il-Gvern kien ifissa l-prezz ta' ħafna ħwejjeġ skond kif riedu l-bdiewa u wieħed minn dawn kien il-prezz tal-qara' aħmar. Kif għedna fil-Bidwi Nru 3 (ta' ħmistax ilu) bosta bdiewa kienu rġiel u taw lill-Gvern il-qara' kollu li kellhom b'dak il-prezz (5s.), iżda oħrajn ipprofittaw ruħhom u ħbewh. Aħna wissejna lill-bdiewa biex dawk li ħbewh jiġu weħidhom u jagħtuh lill-Gvern qabel ma l-Gvern jiddeċiedi li jieħdu hu. Jekk wara li l-Gvern jagħmel prezz tajjeb, xi bdiewa ma jkunux irġiel biż-żejjed u minflok jikkunsinnawh jaħbuh, allura l-Gvern ikollu ta' bil-fors jimxi xort'oħra. Ma hemm ebda raġuni il-għala, imħabba għadd żgħir ta' bdiewa rgħibin, jeħlu l-bdiewa l-oħra kollha. Mela mingħajr dewmien iżjed, il-bdiewa ta' Ħad-Dingli, l-Imtaħleb u l-Baħrija li għad għandhom xi qara' jfittxu jikkunsinnawh biex nimxu ta' rġiel mal-Gvern jekk irridu li l-Gvern jimxi ta' raġel dwar il-prezzijiet bħalma ġa mexa u għadu jimxi!

It-tielet talba li għamlu l-bdiewa kienet li l-kontroll tal-prezzijiet għandu jkun f'idejn Kumitat speċjali li fuqu l-*Għaqda tal-Bdiewa* għandu jkollha 3 rappreżentanti. Din it-talba ġiet ukoll milqugħa mill-Gvern u dan il-Kumitat għandu jitwaqqaf f'qasir żmien.

Ir-raba' talba tal-bdiewa kienet dwar it-tgħam u fuq dan għamlu żewġ talbiet, f'waħda xtaqu jafu xi kwantità ta' qamħ titħalla għall-użu tal-bidwi, jekk il-Gvern ikun jinħtieġlu jerġa' jieħu l-qamħ f'idejh; u l-oħra, biex il-Gvern jifissa l-prezz tiegħu mil-lum.

Dwar l-ewwel waħda, jekk ikun jinħtieġ li l-Gvern jerġa' jieħu taħt idejh il-qamħ, huwa jittama li jkun jista' jħalli kwantità biż-żejjed għall-użu tal-bidwi. Dwar il-prezz il-Gvern iħoss li hu impossibbli jiffissa l-prezz mil-lum, meta inqas għadu jaf xi prodott sa jkun hawn, iżda l-Gvern sejjer jistħarreġ il-biċċa bir-reqqa u jagħti risposta iżjed 'il quddiem. Il-bdiewa m'għandhomx jinsew illi l-Gvern ġà wiegħed li jħallas prezz tajjeb tat-tgħam.

Is-sitt talba kienet illi l-prezz taż-żerriegħa tal-patata jiġi ffissat issa kif ukoll il-prezz tal-prodott tar-Rebbiegħa.

Sakemm saret it-talba, il-prezz taż-żerriegħa kien ġà ġie magħruf. Dwar il-prezz tal-prodott, il-Gvern isib ruħu f'qagħda li ma jistax jiffissa dan meta lanqas iż-żerriegħa għadha ma waslet u meta ma jistax jikkalkula x'sejra tkun il-ġabra!

Il-bdiewa garrew ukoll illi meta huma b'sakrifiċċju jmorru jaħdmu fl-ajrudromi, x'uħud li għandhom x'jaqsmu mal-kuntratturi ma jħalluhomx iħaffu x-xogħol u b'hekk dak li soltu jieħu jum xogħol jitkaxkar għal bosta ġranet! B'hekk ix-xogħol tal-karettuni tal-bdiewa jibqa' sejjer. Il-Gvern sama' dan il-lment tal-bdiewa bl-attenzjoni u qiegħed jistħarreġ il-kwistjoni.

Minn dan li għidt hawn fuq rajna bid-dieher kemm il-Gvern qiegħed jaħdem id f'id mal-bidwi u kemm tabilħaqq qiegħed imexxi kollox fl-interess tal-bedja ta' pajjiżna. Il-prezz li l-Gvern ħallas lill-bdiewa għall-patata tax-xitwa li qiegħed iqassamha lill-pubbliku b'telf ta' eluf kbar ta' liri, turi kemm tassew il-Gvern qiegħed jaħseb fil-bdiewa. Dan ukoll juri illi l-bidwi m'għandux għalfejn jitħasseb dwar iż-żmien li għad jiġi, l-iżjed meta jara li l-Gvern ikkonsulta dejjem ir-rappreżentanti tal-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa f'kull ħaġa li tinteressahom.

Mela nibdew din is-sena b'tama u fiduċja qawwija li ngħinu lil pajjiżna b'xogħolna biex il-Gvern igħin lilna. *Is-sena t-tajba lil kulħadd.*

---

**Xewqat Tas-Sena l-Ġdida**

**BDIEWA!**

**ĠID U HENA**

**GHAD-DJAR U R-RABA' TAGHKOM**

**REDH U SLIEM**

**GHALL-GŻIRA TAGHNA!**

# TWISSIJIET DWAR IL-BIEDJA

### IL-PATATA

Il-bdiewa qegħdin jaraw kemm kienet ħaġa tajba dak li għamel il-Gvern meta iddeċieda li jixtri l-patata sabiex iqassamha bir-razzjon. Diġà ngabret biżżejjed patata biex joħroġ żewġ razzjonijiet ta' ratal għal kull ras u biex jinqeda wkoll is-Servizz. Issa beda ħiereġ it-tielet razzjon, u naħsbu li sew il-bidwi, kemm ukoll il-pubbliku, huma kuntenti. Il-Gvern mhux qiegħed jitlef żmien sabiex, malli l-bidwi jġib it-tagħbija tal-patata, din tmur għall-ikel.

Għalkemm il-lum kulħadd jixtieqha, il-patata mhijiex ħaġa antika fil-biedja. Fl-Ewropa dehret xi 350 sena ilu meta ġibuha mill-Amerika, u f'Malta ilha wisq inqas minn hekk. Fi żmien il-Kavalieri kienet ikkultivata fil-ġonna bħala xi ħaġa rari. Il-vera biedja tal-patata bdiet f'Malta fl-1805 meta wieħed sinjur minn Ħaż-Żabbar żara' erba' sigħan raba' bil-patata u ħa prodott ta' tnax-il-qantar li huwa biegħ bil-prezz ta' 20 skut il-qantar. Tant stagħġbu l-bdiewa b'dan il-qligħ hekk kbir, li kollha tħajru u bdew jiżirgħu patata kemm jifilħu.

Issa kulħadd qiegħed jittama u jitlob 'l Alla li tkompli tiġi ż-żerriegħa tal-patata minn barra. Diġà waslet partita żgħira, u, billi din kienet imnebbta, il-Gvern qassamha fl-irħula fejn jiżirgħu bikri. Meta l-patata kienet issiefer, il-prodott bikri kien jaqbad is-suq. Il-patata ma tistax issiefer bħalissa, iżda l-prodott bikri jiswa xorta għaliex iktar ma l-patata tilħaq kmieni, iktar il-poplu jgawdi u iktar idum l-istaġun tal-patata.

### IL-BILJETT TAR-RABA'

Il-bdiewa, tista' tgħid kollha kemm huma, kitbu kemm għandhom raba' għall-patata tas-sajf. Bosta minnhom kellhom jitħabtu mhux ftit għaliex tilfu l-biljett ikħal tar-raba'. Dan il-biljett ingħata lilhom sabiex jippreżentawh kull meta jkollhom x'jaqsmu ma' l-Uffiċċju tal-Biedja għaliex bih jingħaraf il-bidwi. B'dan il-biljett il-privileġġi tal-bidwi jeħodhom il bidwi u ħadd żjed. Għalhekk il-bdiewa hemm bżonn li jibżgħu għal dan il-biljett u jżommuh fuqhom kull meta jkollhom xi bżonnijiet ma' l-Uffiċċju tal-Biedja.

Il-bdiewa hemm bżonn li jifhmu wkoll illi dan il-biljett ma jagħmilx mirakli. Gie li jiġi bidwi li jgħid li sa jagħti r-raba' lil ibnu u għalhekk jitlob li ibnu jkollu biljett għalih ukoll. Il-bdiewa għadhom ma fehmux illi s-saħħa tal-biljett hija skond il-kobor tar-raba'. Billi nżidu l-biljetti, ir-raba' mhuwiex sejjer jikber.

### IL-ĦOFOR TAL-BOMBI

Ma' tul is-sajf, id-Dipartiment tal-Biedja mela ħafna ħofor tal-bombi fir-raba' mingħajr ebda ħlas. Ħafna bdiewa kien ikollhom ir raba' tagħhom imħarbat li kieku ma sabux din il-għajnuna. Dan ix-xogħol issa waqaf, għaliex iż-żmien daħal u għaliex il-ħaddiema kien hemm bżonnhom għal xogħlijiet oħra. Iżda kull min baqagħlu l-ħofor tal-bombi fir-raba' għandu jmur għand il-Perit tad-Distrett tiegħu li jkun jista' jħallas lill-bidwi jekk irid jimla l-ħofor hu stess. Jekk il-bidwi jintriga li jimla xi ħofor għandu joqgħod attent li jwaddab il-ġebel kbir nett taħt u jħalli ż-żrar għal fuq.

# DRAWWIET U QWIEL TAL-BIEDJA MALTIJA GĦAX-XAHAR TA' JANNAR

Wieħed mill-qwiel qodma dwar it-temp ta' Jannar huwa dan:

*Meta x-xemx issaħħan f'Jannar*
*Ikollok biex fis-sajf timla d-dar.*

Dan ifisser illi x-xemx ta' Jannar tagħmel il-ġid lill-għelejjel tar-raba' wara x-xita li tkun niżlet fit-tliet xhur ta' qabel; bil-maqlub:—

*Meta Jannar tarah lewlieni*
*Ma tarax il-bidwi hekk hieni*, għax ix-xitwa bikrija ta' Jannar, fil-fehma qadima tal-bidwi, ma tagħmilx ġid.

Għalkemm Frar huwa msemmi bħala "fawwar", jiġi li Jannar iħabbatha miegħu fil-qilla tat-temp, u għalhekk il-qawl Malti jgħidlek ukoll:

*Jannar għalaq in-ngħaġ ġol-għar*, jew
*Jannar għarraq in-ngħaġ ġol-għar.*

Jiġi li f'Jannar jagħmel ħafna bard, iżda ftit xita. Fuq hekk hemm ħrafa ta' bidwi li għax gerger u qallu:—

*Qożżot, qożżot għalik Jannar,*
*Għaddejt bil-bard bla xita*
*U ħallejtni bin-ngħaġ fil-għar*, Jannar għadab, issellef jumejn minn għand ħuh Frar, imsemmi bħala l-aktar xahar milwiem (u għalhekk Frar ma jwassalx sat-tletin jew wieħed u tletin ġurnata), u għarrqu bin-ngħaġ b'kollox ġewwa l-għar.

Fil-25 ta' Jannar (Konversjoni ta' San Pawl) jingħad li t-temp ibiddel 7 darbiet, u x-xemx dlonk titgħatta bi sħab ħfief u ċkejkna (ħajbur) li minnhom tqattar ir-rxix ta' xita fil-waqt li minnufih targa' tfeġġ ix-xemx.

Fil-Malti ma għandna ebda qawl, bħalma hemm fl-Ingliż u fit-Taljan, biex wieħed iżomm f'rasu liema mix-xhur tas-sena huma bi 30 u liema b'31 ġurnata, u għalhekk kien hemm, u iktarx għad hemm id-drawwa, fost xi nies tar-raba' u nies oħra, min biex ikun jaf sewwa, jagħmel dan il-kalklu fuq il-ponn ta' idejh. Jagħlaq is-swaba' ta' idu x-xellugija u jsemmi wieħed wara l-ieħor ix-xhur tas-sena fuq il-għaksiet u l-ħofor tal-ponn. Isem ix-xahar li jaħbat fuq il-għaksa huwa ta' 31 ġurnata, fil-waqt li dak li jaħbat fuq il-ħofra ta' bejn il-għaksiet huwa ta' 30 ġurnata (fost dawn ix-xhur hemm Frar li hu ta' inqas minn 31, jiġifieri ta' 28 jew 29 ġurnata). Dan il-kalklu jsir bis-saba' ta' l-id il-leminija, tibda mill-għaksa tas-saba' l-werrej ta' id ix-xellugija.



Patata, "Arran Banner" għadha tinqala'.